# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 226/2021/2**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Kevin Mifsud**

Illum 28 ta' Novembru 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellant **Kevin Mifsud**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 437174(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-gżejjer matul is-snin 2017 u 2018 b'diversi atti magħmulin minnu wkoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

[1] Ara *a fol*. 178.

1. b'għemil żieni, kkorrompa lil OMISSIS (I.D. Nru. OMISSIS) imwieled OMISSIS meta hu kien tutur ta' l-imsemmi minuri għal xi żmien jew meta l-istess minuri ġie fdat lilu sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu;

2. fl-istess ċirkostanzi ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta' u ċioè OMISSIS (I.D. Nru. OMISSIS) imwieled OMISSIS.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti, jekk ikun il-każ, fik provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll, sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, tapplika wkoll Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurta' ta' dawn il-persuni hawn fuq imsemmija kif ukoll għal familjari tagħhom.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba li toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-9 ta' Lulju 2024, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 17, 18, 203(1)(c) u 204C(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontrih u kkundannatu piena ta' sentejn (2) u nofs priġunerija. Il-Qorti poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' Trattament taħt Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' ħames (5) snin u liema Ordni kellu jifforma parti integrali mis-sentenza appellata. Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk l-Ordni ta' Trattament ma jiġix obdut. Finalment u a bażi tal-Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li isem l-imputat jitpoġġa fir-Reġistru mwaqqaf a bażi ta'

dan l-Att u konsegwentement ordnat kopja tas-sentenza tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qrati għall-annotazzjoni neċessarja.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fis-16 ta' Lulju 2024 fejn filwaqt li għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fid-9 ta' Lulju 2024 talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata u dana billi tvarja l-piena erogata b'piena aktar ekwa u ġusta."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-Risposta tal-Avukat Ġenerali għar-Rikors tal-appell tal-appellant, liema Risposta ġiet ippreżentata fit-28 ta' Awwissu 2024.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fid-9 ta' Lulju 2024.

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu b'piena aktar ekwa u ġusta.

Illi f'dan il-każ jirriżulta li l-Pulizija rċevew rapport li minorenni l-*parte civile* OMISSIS kien suġġett għal abbużi ta' natura sesswali, liema abbużi jingħad li seħħew fis-snin 2017 u 2018. Jidher li meta rappreżentanti tal-assoċjazzjoni tal-MUSEUM kienu joħorġu lit-tfal il-baħar, l-appellant, li kien membru ta' din l-assoċjazzjoni, kien jieħu l-opportunita' sabiex idaħħal idu fil-qalziet tal-*parte civile* OMISSIS u jaqbadlu l-warrani.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar dak imressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors tal-appell tiegħu l-appellant iressaq aggravju wieħed li huwa dwar il-piena, liema aggravju huwa maqsum fi tnejn: l-ewwel parti tal-aggravju tirrigwarda l-appikabilita' ta' Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u t-tieni parti tal-aggravju hija dwar fatturi mitiganti u l-isperanza għal rijabilitazzjoni.

Illi fir-rigward tal-applikabilita' ta' Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-appellant jargumenta li l-pieni stabbiliti għaż-żewġ imputazzjonijiet li huwa ġie mixli bihom ħraxu konsiderevolment b'emendi li ġew promulgati permezz ta' Att Numru XIII tas-sena 2018. Jgħid li l-perjodu temporali tal-allegat kommissjoni tad-delitti *de quo* huwa regolat mill-istitut tar-reat kontinwat, mifrux fuq perjodu ta' sentejn – *ossia* s-snin 2017 u 2018. Jargumenta li b'hekk l-akkadut *de quo* seħħ parzjalment taħt il-*pre*-2018 *position* u parzjalment taħt il-*post*-2018 *position* tal-liġi. Isemmi li l-Ewwel Qorti qablet mad-difiża li kellhom japplikaw il-pieni anqas ħorox. Jispjega li l-emendi in kwistjoni huma ta' natura sostantiva u mhux proċedurali u għalhekk ma għandhomx ikollhom effett retroattiv sakemm ma jkunux jiffavorixxu l-pożizzjoni ta' akkużat. Jirreferi għal pieni komminabbli qabel ma daħlu l-emendi u jgħid li b'applikabilita' ta' Artikolu 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Ewwel Qorti qieset id-delitt ta' parteċipazzjoni ta' attivitajiet sesswali ma' minuri bħala mezz għal fini tad-delitt ta' korruzzjoni ta' minuri. Jgħid li ġialadarba l-Ewwel Qorti qieset id-delitt maħsub f'Artikolu 204Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta bħala mezz għal fini tad-delitt maħsub f'Artikolu 203 tal-istess Kapitolu 9, l-Ewwel Qorti kellha tinfliġġi biss il-piena komminabbli għall-iżjed reat gravi *ossia* dak ta' korruzzjoni ta' minuri, li jisħaq li kien iġorr miegħu l-piena massima ta' tliet (3) snin priġunerija. Jargumenta li minkejja li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tiegħu hija fil-parametri tal-liġi, din hija wkoll viċin il-massimu.

Illi fir-rigward tal-parti l-oħra tal-aggravju *ossia* dik dwar fatturi mitiganti u l-isperanza għal rijabilitazzjoni, l-appellant jgħid li f'dan il-każ piena ta' priġunerija ma hi ser issolvi xejn u li tkun aħjar sanzjoni rijabilittativa. Jisħaq li piena trid tħares lejn l-element riformattiv tal-individwu u ma għandhiex biss tħares lejn l-aspett ta' deterrent. Jgħid li għandu jingħata ċ-ċans li filwaqt li jkompli miexi fit-triq it-tajba huwa jkun jista' jpatti lura lis-soċjeta' xi ħaġa, mentri jekk jingħata piena ta' priġunerija dan ma jkunx jista' iwettqu. Jagħmel riferenza għal *Pre-Sentencing Report* u jgħid li fih hemm indikazzjoni li l-piena għandha tkun fil-minimu tagħha mentri fil-verita' irriżulta li hija qrib il-massimu. Jirreferi wkoll għax-xiehda tal-*forensic psychologist* Dr. Chantal Avellino fejn irrakomandat Ordni ta' Trattament u sanzjoni bbażata fuq il-komunita'. Jilmenta li t-trattament li ġie offrut preċedentement ma kienx sar b'mod professjonali. Ikompli jgħid li wera sens ta' kontroll meta llimita ruħu biss għal warrani tal-*parte civile*. Jisħaq li l-pedofilija hija problema fil-moħħ u jekk ma tiġix kontrollata b'mod professjonali din tispiċċa bħad-droga li tirkeb lil dak li jkun. Jisħaq li dawk il-pedofili li jkunu wrew tentattiv ta' kontroll għandhom jingħataw għajnuna professjonali.

Illi dwar l-aggravju in eżami din il-Qorti tibda billi tinnota li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat hija dik ta' sentejn (2) u nofs priġunerija fejn l-Ewwel Qorti poġġiet lill-appellant allura imputat taħt Ordni ta' Trattament taħt Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' ħames (5) snin.

Illi din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fit-28 ta' Settembru 2021 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Omissis** (Numru 12/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta spjegat is-segwenti:

> "51. In kwantu għall-piena inflitta mill-Qorti tal-Maġistrati, huwa prinċipju ormai stabbilt li f'materja ta' appell minn piena, sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, dan tagħmlu biss fl-eventwalita' li jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-

prinċipju jew manifestament eċċessiva. Hekk ġie mistqarr mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek** deċiża nhar il-25 t'Awissu 2005:

> "It is clear that the first Court took into account all the mitigating as well as the aggravating circumstances of the case, and therefore the punishment awarded is neither wrong in principle nor manifestly excessive, even when taking into account the second and third grounds of appeal of appellant Melek. As is stated in Blackstone's Criminal Practice 2004 (*supra*):
>
> "The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will...be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '...that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in

> principle.' Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."
>
> This is also the position that has been consistently taken by this Court, both in its superior as well as in its inferior jurisdiction."

52. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. Kif intqal aktar 'il fuq fl-appell **Kandemir** u li ġie wkoll imbagħad ribadit fl-appell superjuri **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Marco Zarb**, deċiża nhar il-15 ta' Diċembru 2005, din il-Qorti bħala Qorti ta' appell ma tiddisturbax is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-ewwel istanza sempliċiment għaliex kienet tippreskrivi piena li kienet għola minn dik li din il-Qorti kif komposta kienet kieku tagħti kieku kienet hi li qegħda teroga l-piena. Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma

> żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena. Il-Qorti tal-Appell Kriminali fl-Ingilterra żviluppat ukoll il-kunċett ta' sindakabilita' tal-piena tal-Qorti tal-Ewwel Istanza fil-każ li din tkun eċċessiva jew manifestament eċċessiva. Biss dan ma jfissirx li sempliċiment għax sentenza tkun tidher li hija fuq in-naħa aktar severa din tkun tissodisfa dan it-test tal-eċċessivita' jew eċċessivita' manifesta. Anzi dik il-Qorti ttenni li appell fuq tali piena jkun jista' jiġi milqugħ jekk jirriżulta li s-sentenza tkun barra l-parametri tal-piena li tkun applikabbli:
>
> a. għall-offiża in kwistjoni u
> b. għaċ-ċirkostanzi tal-ħati
>
> u mhux għaliex tkun piena li tkun għola minn dik li kieku l-Qorti tal-Appell kienet teroga għall-każ in kwistjoni. […]."

Illi filwaqt li din il-Qorti tagħmel tagħha dak hawn fuq ċitat peress li taqbel miegħu, hija tinnota li piena ta' sentejn u nofs priġunerija fir-rigward tal-piena li temergi minn Artikolu 203 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qabel l-emendi b'Att Numru XIII tal-2018 mhijiex piena eċċessiva u dana meta jittieħed in konsiderazzjoni dak li qalet l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, li din il-Qorti taqbel miegħu, meta fis-sentenza appellata ngħad hekk (*a fol.* 309):

> "Illi għalkemm ma hemmx dubju a rigward il-ħtija fuq l-imputat ta' xi wħud mill-akkużi, din il-Qorti għamlet analiżi approfondita a rigward il-piena li għandha tiġi erogata. Illi din il-Qorti hija konxja tal-fatt illi l-imputat kellu ċertu axxendent fuq il-minuri u kif ingħad qabel kien igawdi ċertu fiduċja mal-ġenituri tiegħu u għalhekk huwa ttradixxa din il-fiduċja billi approfitta mill-eta' tenera tal-minuri u kkorrompih b'dak il-mod. Illi di più

> l-istess minuri sofra riperkussjonijiet psikoloġiċi minħabba dawn l-atti. Għal dawn il-motivi l-piena ser tkun waħda ta' priġunerija effettiva tenut kont tal-gravita' tar-reat kommess mill-imputat iżda pero' bit-tir li jirriabilita' ruħu permezz ta' trattament idoneu."

Illi apparti minn dan din il-Qorti tinnota li l-appellant allura imputat ġie misjub ħati ta' reat kontinwat *ai termini* ta' Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta fejn il-piena setgħet tiżdied minn grad sa żewġ gradi. B'hekk żgur ma jistax jingħad li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija viċin il-massimu li setgħet tingħata. Għal kull buon fini jingħad li qabel l-emendi introdotti b'Att Numru XIII tal-2018, f'każ ta' ċirkostanzi aggravanti bħal f'dan il-każ *ai termini* ta' Artikolu 203(1)(ċ) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (li l-Ewwel Qorti għamlet riferenza għalih fis-sentenza appellata), il-piena kellha tkun dik ta' bejn tliet snin sa sitt snin priġunerija. Dwar dan ma ġie mressaq l-ebda appell mill-Avukat Ġenerali u għaldaqstant ikun opportun li ma jingħad xejn aktar dwar dan il-fatt.

Illi din il-Qorti kkunsidrat fit-tul l-elementi msemmija mill-appellant li skont hu għandhom iwasslu għal temperament fil-piena. Din il-Qorti hija tal-fehma iżda li tali raġunijiet ma humiex biżżejjed sabiex jikkonvinċuha tnaqqas il-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti ma tarax li l-appellant eżerċita xi kontroll partikolari. Hija tinnota li huwa kellu opportunita' u ħadha hekk kif wkoll tirrimarka l-*forensic psychologist* Dr. Chantal Avellino meta waqt ix-xiehda mogħtija minnha fis-7 ta' Novembru 2023 hija qalet hekk (*a fol.* 221):

> "Naħseb l-eskalazzjoni ġiet minħabba *the opportunity.*"

Illi ma hemmx garanzija li jekk l-appellant isib opportunita' oħra ma jeħodhiex ukoll u għalhekk din il-Qorti ma tarax li piena fil-komunita' hija adatta għaċ-ċirkostanzi tal-każ. Apparti minn dan, tenut kont tal-piena li l-Ewwel Qorti setgħet tikkundanna lill-appellant allura imputat fir-rigward ta' dak li sabitu ħati, din il-Qorti hija tal-fehma (wara li ħadet in konsiderazzjoni wkoll tal-

fedina penali tal-appellant) li ma hemmx lok li jiġi applikat Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u anqas hemm lok għal temperament fir-rigward tal-piena erogata mill-Ewwel Qorti fil-konfront tal-appellant allura imputat u għaldaqstant l-aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud *in toto*.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Kevin Mifsud u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha b'dan illi kwalunkwe terminu imsemmi fid-*decide* tas-sentenza appellata jibda jgħaddi mil-lum.

Finalment, sabiex tiġi protetta l-identita' tal-minuri konċernat, din il-Qorti tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' ismu fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**